BORMLA
Città Cospicua

KUNSILL LOKALI BORMLA | IS-SITT KUNSILL

MINUTI | SEDUTA NRU. 35

**IT-TNEJN 14 TA' NOVEMBRU, 2011**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru, 2011, fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Sitt Kunsillieri)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: James Cauchi

**AĠENDA**

1. Proposti għal Proġetti Ġodda f'Bormla

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**35/01** **<u>Proposti għall-Proġetti Ġoddi f'Bormla</u>**

35/01/01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru, 2011 saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn attendew hu u s-Segretarju Eżekuttiv għal Kunsill Lokali.

35/01/02 Dr. Chris Said ġie nfurmat li huwa fatt li l-Kunsill Lokali ta' Bormla fil-passat ingħata fondi nieqsa u kawża ta' dan il-Kunsill ma kellux l-istess opportunita bħal kunsilli oħra li jagħmel proġetti ta' fejda għar-residenti Bormliżi. Għaldaqstant il-Kunsill qiegħed jitlob il-fondi li ma ngħatawlux qabel biex ikun jista' jagħmel il-proġetti.

35/01/03 Dr. Chris Said qal li ma jistawx jingħataw fondi fi flus biex jikkumpensaw din il-kawża passiva. Għaldaqstant hu talabna biex nindikaw tliet proġetti jew wieħed kbir biex jara kif jista jkun t'għajnuna.

35/01/04 Waqt il-laqgħa ġew imsemmija tliet proġetti li xi ftit minnhom kienu kemm xejn kbar ħafna.

1. Biex tiġi rranġatha t-triq ta' quddeim il-knisja bil-possibilita li jsir *parking area.*
2. Biex tiġi rranġata l-pjazza ta' quddiem l-għassa tal-pulizija bil-possibilita' li jsir *parking area.*
3. Biex dawn it-toroq jinksew b'wiċċ tal-porfido:- Triq Santa Margerita, Triq San Ġorġ, Triq Matty Grima, Suq u Pjazza Bonnici, Triq il-Gendus, Triq Verdala, Triq Erin Serracino Inglott u Misraħ Bormla.

35/01/05 Finalment il-Kunsill approva li nitkellmu mal-perit tal-kunsill biex joħroġ stima ta' dawn il-proġetti biex wara tittieħed deċiżjoni:

1. Kisi bil-porfido tat-toroq Santa Margerita, San Ġorġ u Misraħ Bormla.
2. Irranġar tat-triq ta' ħdejn il-knisja bil-possibilita li ssir *parking area.*

Fis-7.30pm il-laqgħa ntemmet.

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv